MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Rikors Numru. 1022/2005

**Fl-atti tal-kawza numru 763/03TM fl-ismijiet**
**Marsaxlokk Sailing Club Company Limited**

**vs**

**J & H Company Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat minn Joseph Baldacchino fl-24 ta' Ottubru, 2005, li *in forza* tieghu wara li ppremetta illi:

Pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti hemm rikors fejn l-esponent qed jitlob ir-revoka ta' mandat ta' qbid mahrug numru 1506/04 kontra is-socjeta' intimata li igib in-numru u l-ismijiet premessi;

Effettivament parti mill-oggetti illi inqabdu bl-imsemmi mandat ta' qbid kawtelatorju, kopja tieghu esebita fl-atti, huma proprjeta' tar-rikorrenti u ibnu u dana skond ma jidher fl-anness prospett u ricevuti annessi ma' dan ir-rikors;

Kemm il-darba is-socjeta' Marsaxlokk Sailing Club tixtieq illi tissalvagwardja l-interessi taghha hija m'ghandhiex taghmel dan fuq l-oggetti appartenti lill-esponenti, certament jekk hija tiehu din il-posizzjoni tkun qed tesponi lilha innifisa ghal kull danni konsegwenti ghall-agir taghha li tesegwixxi fuq oggetti appartenenti lit-terz;

Ghaldaqstant l-esponent *in vista* tas-suespost umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha (i) tordna r-revoka tal-Mandat ta' Qbid fin-numru u fl-ismijiet premessi f'dak illi jirrigwarda l-oggetti imsemmija fl-anness prospett *stante* illi jirrizulta ampjament illi l-istess huma proprjeta' tar-rikorrenti u mhux tas-socjeta' J & H Company Limited u (ii) tissospendi l-esekuzzjoni ta' l-istess Mandat u dana taht kull provvediment li l-istess Qorti jogghobha timponi.

Rat ir-risposta imressqa mis-socjeta' Marsaxlokk Sailing Club Co. Ltd li *in forza* taghha eccepixxa illi, ghar-ragunijiet hemm esposti, it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidrat;

Illi Joseph Baldacchino qed jallega li bis-sahha ta' mandat ta' qbid kawtelatorju mahrug mis-socjeta' Marsaxlokk Sailing Club Co. Ltd, bhala s-socjeta' kreditrici, fil-konfront tas-socjeta' J & H Co. Ltd, is-socjeta' allegata debitrici, inqabdu u gew elevati diversi oggetti li jappartienu lilu personalment, u mhux tas-socjeta' J & H Co. Ltd.

Giet sollevata l-irritwalita’ ta’ dawn il-proceduri, fis-sens li l-procedura taht l-artikolu 836 tispetta biss lill-persuna li kontra taghha jinhareg il-mandat. Din il-Qorti taqbel ma’ din is-sottomissjoni, u kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Monarch Advertising Limited vs Baldacchino”, deciza fit-30 ta’ Gunju, 2005, hu car li talba *a bazi* ta’ dak l-artikolu tista’ ssir biss mill-allegat debitur u mhux minn terzi. *Kwindi*, l-procedura adoperata mhux dik idonea.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tiddikjara l-istess bhala irrita u nulla, u tillibera lis-socjeta’ intimata mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jithallsu kollha mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------